**Kunsill Reġjonali Għawdex**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 143/2025

**It-Tlieta, 24 ta' Ġunju, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-boardroom fil-lukanda Kempinski (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Damien Spiteri | Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Victor Curmi | Sindku, Kunsill Lokali Xagħra |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Stephen Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Noel Formosa | Sindku, Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Sannat |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Nadur

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Xewkija
Kunsill Lokali Għasri
Kunsill Lokali Kercem

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**143.1 Talba**

143.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**143.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

143.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 142 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**143.3 Korrispondenza.**

143.4.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tax-Xagħra dwar E-bikes mhux użati minħabba nuqqas ta' interess mir-residenti. Huma jixtiequ jirritornaw dawn ir-roti biex jintużaw minn Kunsilli Lokali oħra. Kien hemm Sindki preżenti oħra li qalu li huma wkoll għandhom roti li ma tqassmux filwaqt li kien ukoll minn wera interess li jkollu aktar. Is-Sindku ta' San Lawrenz issuġġerixxa li dawn ir-roti jkunu stazzjonati f'kull raħal biex jintużaw mir-residenti. Il-President qal li din l-idea kienet ġiet analizzata iżda hemm ħafna komplikazzjonijiet biex titħaddem.

143.4.2 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-AKL dwar l-iskema tal-LESA. Ir-reġjun ġie mitlub sabiex jirrifondi €51,556.64 mill-ammont ta' €100,000 li ngħata. Ġew imħallsin biss minn dawn il-fondi t-talbiet tal-Kunsilli Lokali.

143.4.3 Ir-Reġjun Għawdex irċieva l-istatistika mingħand l-ERA dwar l-iskart u separazzjoni tal-iskart. Din kienet tkopri l-ewwel kwart tas-sena 2025. Kien hemm 96 il-spezzjoni iżda ma ingħatat l-ebda ċitazzjoni f'Għawdex. Diversi Sindki ġibdu l-attenzjoni dwar il-problema gravi f'postijiet turistiċi fejn qed jitħallew boroż suwed u mhux jinġabar mill-kuntrattur peress li mhux qed ikunu quddiem residenzi. Fil-fatt ir-Reġjun Għawdex flimkien mat-tlett Sindki kellhom laqgħa mar-rappreżentanti mill-Ministeru għal Għawdex u dawn għandhom jaraw kif qed jinġabar skart bħal dan f'Malta. Wieħed mill-workshops waqt il-Laqgħa Plenarja nhar is-Sibt 21 ta' Ġunju 2025, ukoll trattat dan is-suġġett. Ir-Reġjun Għawdex fl-aħħar laqgħa ħabbar skema għal dan il-għan għal dawn it-tlett lokalitajiet, ir-Rabat, Marsalforn u x-Xlendi, l-aktar affettwati minn din il-problema.

143.4.4 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar l-inizzjattiva TIPS4UA (Training and Internship Programme Support for Ukrainian Municipalities). L-AKL ser tkun qed tospita delegazzjoni ta' Sindki u esperti mill-Ukrajna fit-8 ta' Settembru għal ġimgħa. Huma stiednu lir-Reġjun Għawdex biex jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat.

143.4.5 Ir-Reġjun Għawdex irċieva talba mingħand Ewfonija għar-raba edizzjoni tal "The Ewfonija Gran Operatic Concert" fit-3 ta' Ottubru. Il-membri tar-Reġjun Għawdex ma aċċettawx din it-talba.

143.4.6 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex ġie nformat li permezz tal-ftehim li sar bejn l-AKL u s-Smart City Expo World Congress, il-Kunsill Regjonali Għawdex ġie offrut żewġ biljetti

bla ħlas għall-entratura għall-kungress li ser issir f' Barcelona bejn l-4 u 6 ta' Novembru. Ir-Reġjun wera l-interess tiegħu.

143.4.7 Ir-Reġjun Għawdex irċieva lment permezz ta' email mingħand resident tal-Munxar dwar ATVs (All Terrain Vehicles). Hi lmentat li dawn qed jiżdiedu ħafna, isuqu b'mod perikoluż u jagħmlu ħafna storbju speċjalment fix-Xlendi. Is-Sindku tal-Munxar qal li hu ukoll rċieva dan l-ilment, iżda ma tantx jista jieħu azzjoni peress li dawn il-vetturi huma reġistrati. Ir-Reġjun iddeċieda li jibgħat dan l-ilment lill-pulizija.

143.4.8 Ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand il-European Commission dwar kamp tas-sajf għall-mexxeja futuri. Dan huwa għaż-żagħżagħ bejn l-eta tat-18 u 30. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat din il-korrispondenza lill-Kunsilli Għawdxin kollha.

143.4.9 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-ex Artistic Director dwar l-għeluq tax-xogħol tagħha. Il-Maniġer tal-Kultura ħejjiet programm ta' attivitajiet għall-kumplament tas-sena Region of Culture – Gozo 2025. Dan ġie spjegat lill-membri preżenti. Fil-jiem li ġejjin il-Kunsilli ser jirċievu aktar dettalji dwaru.

143.4.10 Il-Maniġer tal-Fondi bagħat korrispondenza dwar il-miżuri li ser jinħarġu fil-jiem li ġejjin taħt il-Leader Programm immaniġġjati mill-Gozo Action Group Foundation (GAGF). Dawn ġew spjegati f'dettal waqt il-Laqgħa Plenarja mill-Maniġer tal-GAGF, Pierre Louis Attard.

143.4.11 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand id-DG tal-LGD dwar iffinanzjar ta' servizzi ta' sigurta waqt attivitajiet kulturali. Meta nirċievu aktar dettalji ninfurmaw lill-Kunsilli Lokali.

143.4.12 Ir-Reġjun Għawdex intalab permess mid-Direttorat tat-Turiżmu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex fil-ktejjeb li qed jiġi ppreparat dwar il-Gastronomija f'Għawdex ikunu jistgħu jużaw il-logo uffiċjali tal-European Region of Gastronomy li r-Reġjun Għawdex rebaħ għas-sena 2026 u kollaborazzjoni mar-Reġjun. Il-membri ma sabux oġġezzjoni għal dan.

143.4.13 Kull sena ssir "Compliance Audit dwar il-ġbir ta' skart. Dan hu obbligatorju u jitħallas mir-Reġjuni rispettivi. Ir-rapport ta' din is-sena ġie konkluż. Osservazzjoni li ħareġ minn dan ir-rapport kien li l-miri tas-skart riċiklat mhux jintlaħaq. Il-persentaġġ milħuq matul is-sena 2024 kien ta' 42% filwaqt li l-minimu mira huwa ta' 55%.

**143.4 <u>Bord tal-Evalwazzjoni għall-post ta' uffiċjal tal-PR/Communications u data għall-interviews.</u>**

143.4.1 Kif kien deċiż fl-laqgħa preċedenti nħarġet sejħa għall-pożjzzjoni ta' uffiċjal tal-PR/Communications peress li dak inkarigat mar-Reġjun permezz ta' kuntratt iddeċieda li ma jġeddidx l-kuntratt tiegħu minħabba mpenji ta' studju. Kien hemm numru ta' applikanti u għalhekk hemm bżonn li jinħatar bord tal-evalwazzjoni. Ġew innominati ex-segretarju eżekuttiv, persuna minn kumpanija tal-media u l-President tar-Reġjun.

**143.5 Approvazzjoni tar-Rapport ta' Kull Kwart (Jannar-Marzu 2025).**

143.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ewwel rapport ta' kull kwart li ġie maħdum mill-accountant tal-Kunsill Reġjonali Għawdex. Is-Sindku taż-Żebbuġ, Għawdex staqsa x'inhu l-FSI (Financial Soundness Indicators). Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li huma ta' 90%. Ir-rapport ta' kull kwart kien iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant, ġie ikkunsidrat li nqara. Ir-rapport ġie approvat.

**143.6 Aġġornament dwar l-avvenimenti tar-Region of Culture – Gozo 2025.**

143.6.1 Il-Maniġer tal-Kultura għamlet reviżjoni tal-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Reġjonali Għawdex. Fost l-attivitajiet, f'Lulju hemm 'Għanja Għannejja' fil-bajja ta' Marsalforn. Din qed tiġi organizzata mis-Sur Mario Azzopardi. F'Awwissu hemm pjanat Xlendi Film and Nostalgia bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali tal-Munxar. F'Novembru bil-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali Għawdxin kollha se ssir l-attivita bl-isem ta' "Il-Patrun Tagħna" li hija wirja f'kull raħal bl-istatwa u pitturi eċċ tal-Qaddis Patruni ta' kull raħal. Qed jiġi propost ukoll ktieb ta' poeżiji li jkun kompost minn poeżija minn kull raħal. Hemm diversi inizzjattivi oħra fosthom "Remembering the Window" li hija rekreazzjoni tat-tieqa tad-Dwejra magħmula minn perspex. L-għeluq ta' din is-sena se iseħħ fil-5 ta' Diċembru fid-ditch taċ-Ċittadella. Il-lista tal-attivitajiet kollha proposti ser jintbagħtu lil Kunsilli Lokali kollha biex jarawhom.

**143.7 Materji Oħra.**

143.7.1 Is-Sindku ta' San Lawrenz, is-Sur Noel Formosa staqsa jekk il-Kunsilli Lokali hux ser jiġu rimborsati għaż-żiedet u arretrati li ngħataw lill-iskrivani. Is-Segretarju Eżekuttiv infomatu li hi ġiet informata li ser ikun hemm rimbors mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

143.7.2 Diversi Sindki irringrazzjaw lir-Reġjun tal-Laqgħa Plenarja li saret nhar is-Sibt 21 ta' Ġunju. Huma rrimarkaw li kienet laqgħa nformattiva ħafna fejn setgħu jaraw il-ħidma tal-Maniġers flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Ġie nnotat in-nuqqas tas-Segretarji Eżekuttivi, peress li kien hemm biss preżenti tnejn oħra flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex.

143.7.3 Is-Sindku tal-Munxar irringrazzja lir-Reġjun Għawdex tal-laqgħa li ġiet iffissata mar-rappreżentanti tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar dwar il-problema tal-iskart (boroż suwed) li jitħallew f'postijiet li mhux obbligu tal-kuntrattur biex jiġborhom.

143.7.4 Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Brian Azzopardi qal li biex tissolva din l-problema tal-iskart li jitħalla barra mir-ristoranti għandha ssir miżata li titħallas minn kull stabbiliment tal-ikel biex dan ikun jista jinġabar l-iskart tagħhom minn kuntrattur.

143.7.5 Is-Sindku taż-Żebbuġ staqsa x'kien sar mill-eżerċizzju dwar l-allokazzjoni li ttieħdet mill-Kunsilli Lokali dwar il-ġbir tal-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv informatu li din intbagħtet lis-Sur Mario Fava. Il-President qal li din tkun tista tintuża fl-allokazzjoni tas-sena d-dieħla. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat tfakkira dwarha.

143.7.6 Is-Sindku tax-Xagħra staqsa x'kien ġara mill-inizzjattiva dwar xiri ta' bawżer tal-ilma mir-Reġjun għall-użu tal-Kunsilli Lokali. Il-President qal li din diffiċli biex tinħadem anke jekk ir-Reġjun jirnexxielu jixtri bawżer. Fejn ser jinżamm, spejjeż ta' ħsarat, minn fejn ser jinġab l-ilma. Is-Sindku tal-Għarb qal l-aktar ħaġa inkwetanti hija kif ser jissaqqu l-ġonna kollha tal-Kunsilli Lokali kollha. Il-President qal li biex jinqdew il-Kunsilli Lokali kollha jrid jkun hemm minn ta' l-inqas tlett bawżers. Barra minn hekk hemm il-

possibbiltà ta' abbuż li l-Kunsill Reġjonali Għawdex ma jridx jkollu x'jaqsam fiħ. Iżda l-President qal li ser jinkariga lill-Maniġer tal-ambjent biex jiġbor kwotazzjonijiet għax-xiri ta' bawżer.

**143.8 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.</u>**

143.8.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 154 li kienet tammonta għal €259,047.88.

**142.11 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.</u>**

142.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:00 u ġiet skedata għal nhar it-Tlieta, 29 ta' Lulju fis-6:00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATI**

______________________

Dr. Samuel Azzopardi
President

**IFFIRMATI**

______________________

Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv